# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' April 2001**

**Numru 1**

**Citaz. numru: 3434/96 NA**

**Ashraf Ahmed**

**vs**

**Vanessa Mamo**

**Annullament ta' Zwieg - Artikolu 19 (1) (g) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta - Inkompatibbilita' bejn dawn is-sub-incizi.**

**Mhux f'kull kaz u dejjem is-sub-incizi (g) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 huma inkompatibbili. Jistghu jezistu zwigijiet fejn ikun hemm ragunijiet bizzejjed biex zwieg jigi annullat a bazi taz-zewg sub-incizi.**

**Dan ma kienx pero' l-kaz f'din il-kawza fejn invece l-konvenuta kienet eskludiet posittivament il-prokreazzjoni tal-wirt, element essenzjali tal-hajja mizzewga, li vvizzja l-kunsens taghha u wassal ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' ta' dan iz-zwieg a tenur tas-sub-inciz (f) ta' l-Artikolu fuq ikkwotat.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Dicembru 1996 fejn ippremetta:

"Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fid-29 ta' Marzu 1995, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ghall-imsemmi zwieg b'kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-Artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

TALAB li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Il-konvenuta giet notifikata fl-24 ta' Gunju 1998 pero' m'ghamlitx nota ta' l-eccezzjonijiet skond il-ligi w anqas ma dehret fl-ewwel seduta wara li giet notifikata u cioe' dik tal-24 ta' Settembru 1998 f'liema seduta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Greta Agius biex tigbor il-provi u tirrelata.

L-attur ipprezenta diversi mix-xhieda tieghu b'affidavits.  Dak tieghu nnifsu b'nota tal-25 ta' Novembru 1998 u dak ta' Rashdi Ali b'nota tas-17 ta' Dicembru 1998.  Il-konvenuta wkoll, b'nota tat-8 ta' Jannar 1999, ipprezentat ix-xhieda taghha b'affidavit.  Minkejja l-kontumaci taghha l-Qorti sejra wkoll tikkonsidra din ix-xhieda f'kawza ta' din in-natura kif

sejra wkoll tikkonsidra x-xhieda pprezentata mill-konvenuta fejn b'nota tal-24 ta' Marzu 2000 ipprezentat l-affidavit ta' ommha Carmen Mamo. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2000 fejn id-difensur ta' l-attur irrimetta ruhu ghar-rapport peritali, ta ruhu b'notifikat bit-tieni affidavit tal-konvenuta fejn ressqet ix-xhieda ta' ommha w irrinunzja ghall-kontro-ezami.

Ikkunsidrat:

Illi l-Perit Legali ezaminat akkuratament il-provi mressqa. Ikkunsidrat ukoll l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u kif dan l-Artikolu u partikolarment dawn is-sub-incizi gew interpretati mill-Qrati taghna f'sentenzi ricenti. Fl-ewwel lok waslet ghall-konkluzzjoni illi:

> "*Wara li semghet u ezaminat il-provi bir-reqqa u ghab-bazi tal-principji legali sottomessi, l-esponenti thoss li m'ghandhiex bazi biex tiddikjara z-zwieg null u bla ebda effett ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d).*"

Hija pero' kkunsidrat il-validita' tal-kunsens tal-konvenuta wkoll taht is-sub-incizi (f) u (g) ta' l-Artikolu fuq citat u wara li osservat illi:

> "*Huwa evidenti ghall-esponenti illi l-konvenuta eskludiet ghal kollox il-prokreazzjoni tat-tfal. L-attur, kif ukoll il-konvenuta jikkonfermaw li hi qatt ma kienet qalet lill-attur li ma xtaqx ikollha tfal. Hu mill-bidu nett kien qalilha li xtaq ikollu tfal mill-ewwel.*"
>
> "*Illi inoltre, l-esponenti tissottometti li l-konvenuta rabtet il-kunsens taghha bil-kundizzjoni li ma jkollhiex aktar tfal fiz-zwieg taghha, izda biss li jkollha l-mezzi biex tiehu hsieb it-tifel marid taghha.*"

Waslet ghall-konkluzzjoni illi:

> "*Ghaldaqstant, l-esponenti tissottometti illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu kkonfermati fis-sens illi z-zwieg taghhom ghandu jigi ddikjarat null u bla ebda effett ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (f) u (1) (g) ta' l-Att XXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.*"

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti tikkondividi dawn il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali minkejja illi tirribadixxi dak minnha ritenut fis-sentenza "Chetcuti vs Chetcuti" (10/11/99) li l-vizzju tal-kunsens kontemplat taht is-sub-inciz (g) mhuwiex dejjem u f'kull kaz inkompatibbli mal-vizzju tal-kunsens ikkontemplat taht is-sub-inciz (f) u li jistghu jezistu zwigijiet li jkunu annullabbli taht dawn iz-zweg sub-incizi. F'dan il-kaz pero' mill-provi mressqa jirrizulta li dan ma kienx zwieg biss ta' konvenjenza. Fil-waqt li huwa minnu illi l-attur ried jizzewweg malajr in vista tar-residenza tieghu f'Malta l-Qorti hija konvinta

li ried verament jizzewweg lill-konvenuta in ogni caso u li wara li jizzewweg ried li z-zwieg jirnexxi.

Il-falliment ta' dan iz-zwieg infatti gie konsegwenza tar-rifjut totali tal-konvenuta biex ikollhom tfal minn dan iz-zwieg u dana in vista ta' l-esperjenza hazina li kellha bl-ewwel tarbija:

> "*Niftakar li ftit jiem wara z-zwieg l-attur kien qalli li xtaq li jkollna t-tfal. Jiena mill-ewwel ghidtlu li ma ridtx iktar tfal ghaliex kont nibza' li terga' titwieled tarbija b'xi difett. Kont ghidtlu li din id-decizjoni kont hadtha meta twieled Sean. Niftakar li l-attur kien beda jargumenta mieghi u jiena ghidtlu li hadd ma kien ser jikkonvincini biex inbiddel id-decizjoni li kont hadt. L-attur qalli li kont ingannajtu ghaliex ma kontx ghidtlu b'dan qabel iz-zwieg. L-attur baqa' jinsisti mieghi u dak il-hin qabadni attakk ta' isterizmu u qbadt hwejgi u mort lura d-dar tal-genituri tieghi.*"

(affidavit ta' l-istess konvenuta tal-5 ta' Jannar 1999).

Il-konvenuta ghalhekk a prioristikament eskludiet il-prokreazzjoni ta' l-ulied, element essenzjali tal-hajja mizzewga. Fil-mument li inghata l-kunsens taghha dan il-kunsens kien ivvizzjat b'din l-eskluzjoni li giet ukoll mohbija mill-attur. Il-Qorti thoss ilil din ir-raguni hija wahda sufficjentement valida li ghandha twassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici u dana anke minghajr ma l-Qorti tezamina jekk dan iz-zwieg huwiex ukoll annullabbli taht is-sub-inciz (g) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett fil-Ligi.

In vista tad-decide u fil-kontumaci tal-konvenuta l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-istess konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.